**– KONTUMACJA MA TFISSIRX AMMISSJONI –**
**– KAPITOLU, NATURA TA' –**
**– CHEQUE 'REFER TO DRAWER' –**
**– CHEQUE, NATURA TA' –**

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgha, 29 ta' Settembru, 2021**

Avviz tat-Talba numru: **247/2020**

**XUEREB INSTALLATIONS LIMITED**
[REG. NRU. C-15321]

***VERSUS***

**BUY SELL RENT CO. LIMITED**
[REG. NRU. C-82396]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-20 ta' Ottubru, 2020 fejn l-attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elfejn, sitt mija, wiehed u sebghin ewro u tlettax-il centezmu (€2,671.13c) rapprezentanti bejgh u kunsinna ta' materjal relatat ma' l-industrija tal-kostruzzjoni u finituri, hekk kif ahjar deskritt fl-Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u kif ukoll dawk marbuta ma' mandat kawtelatorju ta' sekwestru mressaq kontestwalment ma' din il-kawza, u l-imghaxxijiet kummercjali kontra l-konvenuta dekorribbli mit-22 ta' Gunju, 2020 sal-gurnata tal-hlas effettiv u finali.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha (jew xi difensur ghaliha) ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tat-28 ta' Jannar, 2021 (*a fol*. 7), il-konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali. Cionostanti tali notifika, il-konvenuta la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-udjenza appena msemmija li kienet tmiss wara n-notifika lilha ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi difensur legali taghha sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici. Tali konvenuta, ghalhekk, kienet giet dikjarata fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-imsemmija udjenza tat-28 ta' Jannar, 2021.

Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz[1] ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fid-duttrina forensi nsibu ritenut illi, "*la contumacia vale resistenza, che il contumace tacitamente respinge le domande dello avversario ... il contumace affida al giudice la propria difesa ... questa difesa deve limitarsi ad esaminare se le forme del rito sian rispettate, se l'assunto della parte presente sia fondato in fatto ed in diritto*" (**SALVATORE LA ROSA**, "Il Contumace nel Giudizio Civile", Filippo Tropea ed. 1887; §118, p. 175). Mil-lat ta' gurisprudenza domestika, wiehed huwa mistieden jara *in re* **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959);[2] id-decizjoni riportata f'*Kollez*. **Vol XXIX-III-35**;[3] il-kawza *in re* **Id-Direttur tar-Registru Pubbliku v. Ermelina Silos Mendoza et** (Prim'Awla, 16 ta' Novembru, 2010);[4] id-decizjoni *in re* **Carmela**

[1] Dwar it-tema tas-skiet guridiku wiehed hu dirett jara s-sentenza *in re* **Emanuel Esposito v. Carmelo Mugliett** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 9 ta' Jannar, 2019; mhux appellata), b'siltiet mid-duttrina u mill-gurisprudenza lokali dwar il-materja.

[2] Fiha nsibu ritenut hekk: "*Ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat-tribunal*."

[3] Fiha inghad hekk: "*ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti*."

[4] F'din id-decizjoni inghad li l-parti li tkun kontumaci "*titqies li halliet ix-xorti taghha f'idejn il-Qorti biex taghmel haqq ghall-kaz taghha*."

**Zahra armla v. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 1975; mhux pubblikata); u *in re* **Awtoritá Ghat-Trasport F'Malta v. Abdi Khadar Qaasim** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Novembru, 2017; mhux appellata) li fiha insenjamenti ulterjuri dwar dan is-suggett. Ghalhekk, il-posizzjoni guridika tal-parti mharrka f'dan il-procediment hi meqjusa bhala cahda totali u kategorika ta' l-allegazzjonijiet kollha vantati kontriha, li jehtiegu jigu debitament pruvati kif imiss.

Fil-konfront ta' l-imsemmija konvenuta gie prezentant kapitolu mill-attrici fl-imsemmija udjenza tat-28 ta' Jannar, 2021 (ara Kapitolu *a fol*. 9). Dan il-kapitolu gie dikjarat bhala mistqarr fl-udjenza successiva, hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza tal-15 ta' Lulju, 2021 (*a fol*. 11). Peress li l-konvenuta naqset milli tirregistra dehera biex twiegeb ghal tali kapitolu, fid-dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr. Kif diga' mghadud, dan kollu gie debitament puntwalizzat fil-verbal ta' l-udjenza l-ahhar imsemmija.

It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, il-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta [*vide* Artt. 698(2) u 702(3)]. Minn tali disposizzjonijiet huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f'min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni *in re* **Anthony Borg v. Samwel Veneziani** (Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998), illi "*din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut*." Fl-istess sens ara s-sentenza *in re* **Stephen Vella et v. Bollicine Limited** (Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008).

Madanakollu, ghalkemm huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-omissjoni tieghu li jikkontesta l-kawza formalment, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni (i.e., l'hekk imsejha konfessjoni gudizzjarja). Imma dana ma jfissirx li min hu tenut jiggudika huwa obligat joqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija semplici mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-gudikant jidhrilu li ghandu jaghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, l-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra. F'dan is-sens ara d-decizjoni *in re* **Tabib Dr. Antonio Zammit et v. Francesco Pace et** (Prim'Awla, 28 ta' Gunju, 1952). In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-gurisprudenza, issoktaw jaffermaw, u jikkawtelaw ukoll, illi tali prova wehida mhux necessarjament u bilfors ghandha tiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni tal-parti attrici in kwantu dak l-istat migjub in essere bil-kapitolu ma ghandux ifisser li qed jintroduci derogi ghall-principju tal-piz tal-provi. Kif rilevat mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fil-kawza *in re* **James Trapani et v. Vincent Cilia** (28 ta' April 2000), "*il-kapitoli jitqiesu konfessati però dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga' prodotta quddiem il-Qorti. Dan ghaliex kif gja' nghad is-subizzjoni setghet tintalab f'kull parti tal-procedura.*"

Sa zmien recent, il-Qorti ta' l-Appell (sede inferjuri) kompliet tikkonsolida dan il-hsieb u orjentament guridiku hekk kif rifless fis-sentenza *in re* **Absolute Services Ltd v. Stefan Darmenia**, moghtija fil-11 ta' Novembru, 2020. Hija wkoll interessanti s-sentenza ta' dan it-Tribunal, izda diversament presedut, *in re* **Complex Co. Ltd v. Clive May**, emessa fis-27 ta' Mejju, 2021, li mhux biss thaddan u tirrikalka l-insenjamenti hawn fuq esposti, imma tkompli tamplifika t-tematika *de quo* b'senjalazzjonijiet gurisprudenzjali ulterjuri.

Apparti l-imsemmija konfessjoni gudizzjali, it-Tribunal ha kont ta' dak affermat bil-gurament fl-udjenza tal-15 ta' Lulju, 2021, Stephen Cachia illi hu *accounts officer* fi hdan il-kumpannija attrici. F'dan ir-rigward, f'tali udjenza gie registrat u verbalizzat hekk: "*Deher Stephen Cachia, accounts officer fi hdan il-Kumpannija Attrici, illi wara li gie somministrat il-gurament mit-Tribunal seduta stante, ikkonferma bil-gurament tieghu illi l-Attrici hija u ghadha kreditrici fil-konfront tal-Konvenuta fl-ammont ta' EUR2671.13 u li fil-mori ta' din il-kawza, l-ebda pagament akkont ma twettaq lill-Attrici mill-Konvenuta u/jew minn terzi ghan-nom tal-Konvenuta jew minflok il-Konvenuta. Seduta stante, Stephen Cachia wera' lit-Tribunal kopja originali tac-cheque mahrug mill-Konvenuta lill-Kumpannija Attrici fl-ammont ta' EUR2671.13 (BOV cheque numru 311 datat 05.06.2020), liema cheque ma giex onorat u li fuqu hemm miktub "REFER TO DRAWER".*[5] *Ghal kull bwon fini, Stephen Cachia ikkonferma bil-gurament il-kontenut tal-Avviz tat-Talba.*" (ara *a foll*. 17).

Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mill-attrici – u anke, izda mhux biss, bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak domandat mill-attrici fi procediment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal, ezaminati l-istess fil-kwadru probatorju intier u shih, ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

Il-konkluzjoni appena raggunta hi wkoll rilfessiva tal-fatt dwar l-emissjoni tac-*cheque* imsemmi minn Stephen Cachia illi safa «refer to drawer» u, allura, li ma setax jissarraf. Ikollu jinghad illi, di natura, *cheque* ghandu dawk il-karatteristici intrinsici elokwentement deskritti fid-decizjoni *in re* **Anthony Borg et v. Anthony Francis Willoughby** (Prim'Awla, 9 ta' Marzu, 2005) u cioè illi l-emissjoni tieghu hi prova dokumentali ta' l-element kostitutiv tar-rapport u jikkreja, in materja, il-presunzjoni legali relattiv tat-titolarità tad-dritt stabbilit f'dan id-dokumenti (ic-*cheque*) ghaf-favur tal-persuna legittimata. Dan l'ghaliex, kif deciz, "*ic-cheque ... intrinsikament mhuwiex hag' ohra hlief dokument ta' kreditu (credit document - documento rappresentante un credito presso una banca)*".[6] Ghalhekk, f'idejn il-pussessur, ic-*cheque* ghandu l-vantagg konsimili ghal dak li ghandu titolu kambjarju.[7] Ghalhekk ukoll, il-kreditur li jagixxi, invokanti titolu simili, hu, f'certu sens dispensat – bis-sahha ta' l-istess *cheque* u titolu – milli jipprova r-rapport fondamentali; mentri d-debitur, emissarju tac-*cheque*, ma jistax jippretendi li jista' johloq dubji fuq it-titolarità tal-kreditu vantat, u in mankanza ta' eccezzjonijiet

[5] F'dan is-sens ara t-tieni premessa kontenuta fl-Avviz tat-Talba.
[6] Ara sentenza riportata f'*Kollez*. **Vol. XLVI-II-600**.
[7] Ara sentenza riportata f'*Kollez*. **Vol. LXXVI-II-520** u kif ukoll *in re* **Luigi Portelli et noe v. Dr. John C. Grech noe** (Appell Civili, 6 ta' Ottubru, 2000).

jew difiza riflettenti fuq l-obbligazzjoni (bhal fil-kaz taghna) – *ad exemplum*, l-'exceptio doli' – ikollu jbati r-riskju ta' l-eventwali rifjut jew nuqqas tal-hlas reklamat.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba ta' l-attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta biex thallas lill-attrici s-somma ta' elfejn, sitt mija, wiehed u sebghin ewro u tlettax-il centezmu (€2,671.13c), bl-imghaxijiet kummercjali fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mit-22 ta' Gunju, 2020 sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' din il-kawza, u kif ukoll dawk marbuta mal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru mressaq kontestwalment ma' din il-kawza (ref. nru. 1447/2020 ta' l-20 ta' Ottubru, 2020),[8] huma kollha a kariku tal-konvenuta.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

[8] Kopja ezibita permezz ta' nota (*a fol*. 13) fl-udjenza tal-15 ta' Lulju, 2021 (*vide* kopja mandat *a foll*. 14–17).